**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 91 – IT-TNEJN, 18 TA' SETTEMBRU 2017 FIL-5.50PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

Is-Sinjura Joan Farrugia talbet ghal suspenzjoni tal-agenda biex informa lil kunsill li hi ma kinitx ircievit il-minuti. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta kopja tal-email li intbaghtet lil kunsilliera kollha inkluz is-Sinjura Joan Farrugia. Hi ikkonfermat li email li intuza kien wiehed korrett. Il-kunsill gie infurmat ukoll li meta s-sinjura Joan Farrugia infurmat lis-Segretarju Ezekuttiv li ma kienitx ircievit il-minuti mod eletroniku, hu hadilha kopja tal-minuti by hand.

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 90

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 90

2.1 Is-Sur Dominic Cassar irrimarka li għandhom jiġu refreshed il-marki tat-traffiku fi Vjal ir-Riħan. Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward dan.

2.2 Is-Sinjura Marica Bayliss staqsiet jekk sarux l-appelli lil PA. Ġie kkonfermat li ġew rreġistrati. Għandha ssir laqgħa mas-Supretendent rigward l-attivitajiet li jsiru f'San Ġwann. Għandu jintalab parir lill-Avukat tal-Kunsill.

2.3 Is-Sinjura Joan Farrugia irrimarkat li kellha ssir laqgħa mal-Perit rigward il-proposta biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq iċ-Ċiklamini.

**3 Pagamenti Numru 79**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Għandha ssir laqgħa ma' Wirt San Ġwann nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru 2017.

**5 Korrispondenza**

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward un/loading bay approvata minn TM fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkomunika ma' TM li ma jaqbilx ma' din il-un/loading bay.

5.2 Ġiet innutata korrispondenza rigward laqgħa plenarja fit-30 ta' Settembru 2017.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward feedback mir-residenti dwar proposta biex Triq Envin Cremona issir One Way. Wara numru ta' kunsiderazzjonijiet kien hemm qbil li għalissa ma ssirx One Way.

5.4 Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni għal fondi biex jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ f'San Ġwann.

5.5 Kien hemm diskussjoni rigward kunsiderazzjoni mill-KAC biex jinbidlu l-parkeġġi fi Triq il-Kuċċard u l-karozzi jibdew jipparkajaw man-naħa ta' barra tat-triq minflok mal-bini biex ikun hemm aktar parkeġġ. Għandha ssir talba għal-laqgha fuq il-post mat-TM.

5.6 Kien hemm diskussjoni dwar korrispondenza mill-Friends of the Earth rigward possibbiltà li jsir polinator garden f'San Ġwann. Kien hemm qbil li din għandha ssir fit-triq l-antika fejn il-kappella tal-propostu.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgħa. Il-laqgħa spiċċat minħabba nuqqas ta' kworum.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Ottubru 2017 fil-5.30pm.

__________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

__________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**